MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31

26 ta' Lulju 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Helen Caruana – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.20pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tal-Avukat Helen Caruana.

Is-Sur Cordina ta l-kondoljanzi u qal talba lis-Sinjura Connie Scerri li għadu kemm mietilha huha.

## 31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

31.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha ittra t'apoloġija tal-Avukat Caruana li kienet tinsab indisposta. Is-Sur Cordina qal li l-Avukat Caruana kienet infurmata b'din il-laqgħa u peress li kienet parteċipi għall-evalwazzjoni tat-tender in kwistjoni tat il-*go ahead* tagħha. Il-Perit Schembri skuża ruħu li ma daħalx għall-aħħar laqgħa li għalkemm kien preparat għaliha qabditu emigranja qawwija u baqa' mistrieħ. Is-Sur Victor Galea skuża ruħu wkoll minħabba li nqabad bix-xogħol barra.

## 31.2 Approvazzjoni ta' Estimi Finanzjarji Awditjati

31.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Estimi Finanzjarji ġew awditjati u il-bilanċ pożittiv inbidel ftit minn €30,792 għal €26,116 u dan kien dovut għall-fatt li s-somma ta' €3200 mill-Animal Welfare ittieħdet bħalha income għas-sena 2020 meta fil-fatt dawn kienu relatati ma' 2021 u riedet jmorru mal-prepayments għas-sena 2021. Qalet ukoll li kien hemm differenza marġinali fid-depprezament li għamlet differenza fil-profit għas-sena 2021. Minkejja dan il-Kunsill xorta baqa' b'bilanċ pożittiv ta' l'fuq minn 10% taħt l-FSI.

Is-Sur Cordina qal li għalih hu ta' sodisfazzjon li jmexxi dan il-Kunsill u għall-membri li jiffurmaw parti minnu li ħadu ħsieb il-flus li jgħaddilhom il-Gvern li jiġu mit-taxxi tan-nies, flus li ma tberbqux bla skruplu ta' xejn imma li bla ħafna daqq ta' trombi sar ix-xogħol u r-rota baqgħet għaddejja.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tgħaddi għalhekk għall-firma l-Estimi Finanzjarji Awditjati flimkien mal-Letter of Representation li tgħid li l-Audit ikun sar u li dak li jkun instab fatwalment li jiġi rifless fil-Management Letter li kif tasal ħa tiġi preżentata Kunsill ukoll.

Id-dokumnetazzjoni kollha ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 31.3 Approvazzjoni ta' Rapport t'Aġgudikazzjoni Uffiċċini Ġodda

31.3.1 Is-Sur Cordina qal li saret u waslet fi tmien l-evalwazzjoni tal-Uffiċċini l-ġodda li bażikament tefgħuha ħames *bidders:*
*Gatt and Attard Projects.*
*Aretrop Limited*
*GP Finishings Limited*
*Patti Construction Limited*
*FES Projects Limited*
Is-Segrtarju Eżekuttiv qalet li r-rapport ġie iċċirkulat lill-membri kollha.

Is-Sur Cordina qal li kienu ntalbu xi *clarification*s fosthom tal-lift, xi key experts u CV's li kienu neqsin. Ingħataw xi ġustifikazzjonijiet skont dak li ma ġiex ippreżentat fosthom li FES Projects ma tefgħux il-warrant tal-Perit Stefan Vancel as per original Key Experts Form imma tefgħu dak ta' David Muscat, Patti Contruction Limited ma tefgħu l-ebda dokumentazzjoni mitluba assoċjata mal-*Literature List,* filwaqt li Gatt and Attard Projects ma tefgħux is-CV ta' Carmel Tonna imma tefgħu is-CV ta' Anthony Frank Bezzina.

Aretrop Limited u GP Finishings kienu *compliant* f'kollox w'għaldaqstant il-Kunsill mar fuq l-irħas offerta dik ta' GP Finishings Limited €295569.23 filwaqt li dik ta' Aretrop Limited kienet ta' €389232.89.

Il-Perit Dieter Falzon kien preżenti għall-evalwazzjoni.

Is-Sur Cordina għadda għall-mistoqsijiet minn dawk preżenti fejn is-Sur Victor Galea saqsa jekk il-kumpanija hix reġistrata Malta u jekk ingħatawx time-frames. Is-Sur Cordina qal li time-frames ma jidħlux għall-fini tar-rapport u l-importanti li jinbeda l-perjodu tal-appell ta' 10 t'ijiem. Il-Perit Schembri saqsa s'tip ta' kuntratt kien? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan hu kuntratt li għadda mid-Dipartiment tal-Kuntratti li huwa *governed* mill-*General Conditions therein listed.*

Is-Sur Cordina saqsa jekk hemmx qbil li dan jingħadda hekk kif preżentat. Kulħadd qabel.

## 31.4 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

31.4.1 Is-Sur Cordina qal li rċieva e-mail mingħand il-Youth Reach Group fi ħdan il-Parroċċa li xtaq iressaq. Bażikament din kull ma kienet hija talba għat-trasport għall-ħarġa li kienu sejrin. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

31.4.2 Is-Sur Cordina qal ukoll li ġie avviċinat mill-Kappillan. Sar xi xogħol ta' tindif fis-Sala tal-Kappillan li bħalissa qed tospita t-tfal tas-Summer Experience u dan qed jitlob għajnuna ta' €1154 li jekk il-Kunsill jaqbek jitnaddfu ukoll mill-fondi tar-Reġjun. Kulħadd qabel.

Is-Sur Galea talab li jibdew jiltaqgħu di persona. Is-Sur Cordina qal li m'għandhux oġġezzjoni biss din is-Sala partikolari inkriet €300 u kienet manned ukoll. Tista' tinkera s-Sala tal-Kappillan u persawż qal is-Sur Cordina li mhux darba jgħaddihielna imma mitt elf darba biss iridu jinżammu distanzi soċjali u mitt elf ħaga oħra. Is-Sinjura Scerri qalet li komda onlajn. Il-Perit Schembri saqsa jekk hemmx xi direzzjoni. Is-Sur Cordina qal li m'hemmx, kulħadd jiltaqa' kif l-aħjar imma li jikri post ma jarahiex worth it. Il-Perit Schembri qal li barra l-kirja hemm ukoll il-fatt kif ħa jmorru onlajn, kif ħa tiġi rrekordjata l-laqgħa. Is-Sur Cordina qal li dalgħodu kien appuntu qed jiddiskuti mas-Segretarju Eżekuttiv fuq apparat camera bis-sensor u mic li ddawwar il-microphone biex jinstema' kulħadd. Biss qal li din tiswa mal-€2000.

Qal li jekk Alla jrid imorru l-post l-ieħor ħa jkun hemm kobor biżżejjed u cameras adattatti.

L-Avukat Brincat saqsa kemm qed jikkalkula żmien biex imorru fil-post il-ġdid. Is-Sur Cordina qal li bejn wieħed u ieħor xi 6 u 8 xhur oħra.

Is-Sur Bonnici qal li jippreferi kieku jiltaqgħu personali imqar darba iva u darba le fis-Sala tal-Kappillan jew ġol-Uffiċċini maqsumin. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hekk ma tkunx tista' tirrekordja. Kulħadd qabel li aħjar jibqgħu onlajn hekk.

Il-fatt tal-Uffiċċini l-ġodda baqa' meqjus bħalha fattur importanti minħabba dawn id-diffikultajiet biex jiltaqgħu u saħasitra biex il-Kunsill joħroġ mill-kera mill-aktar fis possibbli.

Il-Perit Schembri serraħ moħħ is-Sur Galea li hemm biżżejjed kundizzjonijiet biex il-kuntrattur iżommu timeframes.

## 31.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

31.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.02pm u ġiet aġġornata għat-12 t'Awwissu 2021 fil-5.30pm u sussegwentament bi qbil għall-18 ta' Awwissu 2021.

Konfermati, illum 18 ta' Awwissu 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv